ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

**<u>Minuti tal-21 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's</u>**

Il-wieħed u għoxrin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar il-Ħamis, 15 ta' Diċembru, 2011. Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija b'talba. Iċ-*Chairperson*, is-Sinjura Maria Elena Debattista, ippresidiet il-laqgħa.

<u>Item 1 – Attendenza u Apoloġiji</u>

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista, il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Norman Clews, is-Sur Mario Bartolo, is-Sur Joseph Agius u s-Sur Luciano Farrugia.

<u>Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti</u>

Il-minuti tal-għoxrin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Bartolo li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia.

<u>Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti</u>

Is-Sur Bartolo semma t-*trailer* li kien hemm fi Triq Dun Salv Sciberras u qal li wara l-azzjoni li kienet ittieħdet dan it-*trailer* kien tneħħa.

Dwar il-*plot* li hemm fi Triq il-Farfett tal-Fejġel iċ-*Chairperson* qalet li kienu tpoġġew ġebel madwar il-*plot* iżda l-ħajt ma sarx għoli u għaldaqstant xorta jista' jibqa' lok għal abbuż ta' rimi ta' skart u materjal ieħor.

Dwar il-*parking bays* ta' Triq il-Profs J.G. Baldacchino is-Sinjura Debattista qalet li kienet marret fuq il-post u fl-opinjoni tagħha dawn il-*bays* għandhom isiru maġenb id-djar tar-residenti.

Dwar l-iskart li jintefa fi Triq l-Għakrux faċċata ta' Triq il-Berebis, is-Sur Farrugia qal li f'dan il-post qed jibqa' jinħareġ l-iskart wara li jgħaddi tal-i*scammel*. Is-Sur Farrugia saħaq dwar l-importanza li ssir laqgħa mal-Ispettur tal-Pulizija biex tiġi ndirizzata din il-problema u lmenti oħra li baqgħu ma ġewx solvuti.

Dwar l-art li hemm mitluqa fi Triq Dun Salv Sciberras is-Sur Bartolo nforma lill-Kumitat li kien mar personalment id-Dipartiment tal-Artijiet bil-għan li jiġu magħrufa s-sidien ta'

din l-art li qed isservi ta' post għar-rimi ta' skart, materjal ta' kostruzzjoni kif ukoll annimali mejta. Is-Sur Bartolo qal li kien ingħata xi dettalji dwar din il-proprjeta iżda mhux ċar ta' min hi din l-art. Fuq proposta tas-Sur Bartolo li ġiet iseekondata miċ-Chairperson il-Kumitat Amministrattiv qabel unanimament li jagħmel kuntatt ma xi nies li jistgħu jagħtu nformazzjoni li twassal biex jiġi identifikat is-sid jew sidien ta' din l-art.

Item 4 – Korrispondenza

Inqrat ittra mill-Korporazzjoni Enemalta bħalha risposta għall-ittra tal-Kumitat Amministrattiv dwar ix-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq il-Marżebb. Fl-ittra tal-Korporazzjoni l-Kumitat ġie nfurmat illi l-Enemalta għandha xogħol propost għal din iż-żona u minbarra hekk trid li jitpoġġa *pipe* fil-bankina biex iservi għad-dawl tat-triq. Fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sur Agius il-Kumitat Amministrattiv qabel unanimament li jitlob lill-Korporazzjoni Enemalta aktar informazzjoni dettaljata dwar ix-xogħol li jeħtieġ isir biex dan jitwettaq qabel it-triq tingħata t-tarmak.

Is-Sur Farrugia tkellem dwar l-ittra li ntbgħatet fid-djar tar-residenti ta' St Peter's mill-Onorevoli Dr Stefan Buontempo, Kelliem Laburista għall-Kunsilli Lokali. Is-Sur Farrugia qal li kien iltaqa' personalment ma Dr Buontempo u filwaqt li japprezza l-interess d-Deputat Parlamentari qed jieħu fiż-żona St Peter's kif ukoll fil-ħidma li qed issir mill-Kumitat Amministrattiv ma jħossx li l-kumment ta' Dr Buontempo fl-ittra tiegħu lir-residenti kien ġust meta rrefera għaż-żona St Peter's bħalha *area* fi 'stat diżastruż'. Is-Sur Farrugia qal li bħala Kumitat Amministrattiv qed isir dak kollu possibli biex l-ambjent f'St Peter's ikompli jissebbaħ u biex ix-xewqat u l-aspirazzjonijiet tar-residenti ijġu milħuqa.

Is-Sur Farrugia ppropona li l-Kumitat Amministrattiv jikteb lill-Onorevoli Buontempo u jesprimi n-nuqqas ta' qbil tiegħu għal mod li bih ġie deskritt l-istat ambjentali fiż-żona ta' St Peter's. Is-Sur Farrugia qal ukoll li l-Kumitat Amministrattiv lest li jaħdem ma Dr Buontempo u ma kull Deputat ieħor bil-għan li *ż*-żona ta' St Peter's tkompli tiġi mtejba u msebbħa. Is-Sur Bartolo issekonda lis-Sur Farrugia u l-Kumitat qabel unanimament li tintbgħat din l-ittra.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Ma kienx hemm diskussjonijiet dwar dan l-*item*.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Agius ilmenta dwar *bowser* tad-drenaġġ li qed jgħaddi minn Triq San Leonardu għall-impjant tad-drenaġġ f'Ta' Barkat u li qed iħalli rwejjaħ xejn pjaċevoli fit-triq b'inkonvenjent għar-residenti tat-triq.

Is-Sur Agius talab li jitnaddaf il-ħaxix li hemm fit-*traffic island* ta' maġenb il-*pitch* tal-boċċi fi Triq San Leonardu. Is-Sur Agius informa lill-Kumitat illi l-ħadid tat-taraġ fi Triq Ġdida fi Triq San Leonardu kien tlesta u twaħħal.

Fis-6.45 ta' filgħaxija s-Sur Clews talab li jkun skużat.

Is-Sur Bartolo semma l-arblu li hemm taħt il-bankina fi Triq in-Naħla wara l-*pitch* tal-boċċi u talab li tibqa ssir pressjoni mal-Korporazzjoni Enemalta sakemm dan l-arblu jiġi spustjat u jitneħħa kull periklu li dan qed joħloq għas-sewwieqa.

Is-Sur Agius qal ukoll li kienet twaħħlet il-bozza ġdida fi Triq Patri Feliċjan Grech filwaqt li talab li ssir tisqija aktar regolari tas-*soft areas*.

Fl-aħħarnett is-Sur Farrugia talab li jiġi mnaddaf madwar il-*bring in sites* fi Triq l-Għakrux u li titwaħħal tabella biex ma jintremax aktar skart u materjal mhux reċiklabbli maġenb il-*bring in sites*.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-tnejn u għoxrin laqgħa li saret nhar it-Tnejn, 9 ta' Jannar, 2012.

Maria Elena Debattista
Chairperson